IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.3.2017
COM(2017) 121 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Żviluppi tas-suq li potenzjalment jeħtieġu l-użu tal-Artikolu 459 CRR

Żviluppi tas-suq li potenzjalment jeħtieġu l-użu tal-Artikolu 459 CRR

Dan ir-rapport jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar żviluppi tas-suq li potenzjalment jeħtieġu l-użu tal-Artikolu 459 tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR)[1] fis-sena li għaddiet. Huwa bbażat fuq valutazzjoni pprovduta mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS)[2].

1. SFOND

L-Artikolu 459 CRR jistipula li l-Kummissjoni, megħjuna mill-BERS, għandha tippreżenta rapport, mill-inqas fuq bażi annwali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar żviluppi tas-suq li potenzjalment jeħtieġu l-użu ta' dan l-Artikolu. Skont l-Artikolu 459 CRR, il-Kummissjoni tista' timponi, għal perjodu ta' sena, rekwiżiti aktar stretti rigward il-livell tal-fondi proprji tal-banek, riskji kbar, jew divulgazzjoni pubblika, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari fuq ir-rakkomandazzjoni jew l-opinjoni tal-BERS jew l-ABE. Il-kundizzjonijiet meħtieġa huma li dawn il-miżuri huma neċessarji biex jindirizzaw il-bidliet fl-intensità tar-riskji mikroprudenzjali u makroprudenzjali li jirriżultaw mill-iżviluppi tas-swieq fl-Unjoni jew barra mill-Unjoni li jaffettwaw lill-Istati Membri kollha, u li l-istrumenti tas-CRR/CRDIV mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw dawn ir-riskji.

2. KONKLUŻJONI U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-Kummissjoni Ewropea għadha ma rat l-ebda ċirkostanza li tiġġustifika l-użu tal-Artikolu 459 CRR, b'mod partikolari meta wieħed iqis li dan l-Artikolu jippermetti biss għal miżuri ta' trażżin, il-prijorità tal-istrumenti CRR/CRDIV oħra u l-fatt li miżuri skont l-Artikolu 459 CRR jistgħu jiġu imposti biss fejn l-iżviluppi rispettivi fis-suq jaffettwaw lill-Istati Membri kollha. F'konformi ma' din il-valutazzjoni, la l-BERS u lanqas l-ABE ma rrakkomandaw li l-Kummissjoni tieħu azzjoni skont l-Artikolu 459 CRR f'dan l-istadju.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERS l-iżviluppi relevanti tas-suq fl-Unjoni jew barra l-Unjoni li potenzjalment jeħtieġu l-użu ta' dan l-Artikolu.

3. ANALIŻI

3.1. Ħarsa ġenerali

Il-Kummissjoni tqis li fis-sena li għaddiet is-sitwazzjoni tas-sistema finanzjarja tal-UE hija sostanzjalment differenti minn ċirkustanzi li jeħtieġu miżuri skont l-Artikolu 459 CRR. B'mod aktar speċifiku, ma hemm l-ebda soprażbilanċ xprunat mill-kreditu fl-ekonomija. L-ingranaġġ finanzjarju fl-ekonomija, filwaqt li huwa għoli kemm mill-aspett storiku kif ukoll fir-rigward ta' standards internazzjonali, mhuwiex qed jiżdied, u

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[2] Il-valutazzjoni pprovduta mill-BERS fit-2 ta' Mejju 2016 hija disponibbli fuq https://www.esrb.europa.eu/pub/pdf/other/20160502_letter_md.en.pdf?90e22809ce71729e2d5902d9aa7dbf46. Barra minn hekk, dan ir-rapport jibni wkoll fuq il-previżjoni ekonomika tal-Kummissjoni Ewropea u l-analiżi mill-Bank Ċentrali, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Fond Monetarju Internazzjonali.

lanqas m'hemm evidenza ta' żieda fl-ingranaġġ fis-settur bankarju. Din it-tendenza hija mistennija li tkompli.

L-ekonomija tal-UE hija fuq triq ta' tkabbir baxx, li jfisser li r-riskju ta' soprażbilanċ tal-ekonomija huwa limitat. Skont l-aħħar previżjoni tal-Kummissjoni, it-tkabbir reali tal-PDG se jkun taħt it-2 % fl-2016 u fl-2017 fl-UE u fiż-żona tal-euro. Il-marġini tal-potenzjali tibqa' negattiva u l-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-konsumatur hija mistennija li tibqa' taħt il-limitu ta' 2 % li l-BĊE jqis konsistenti mal-istabbiltà tal-prezzijiet. Konsistenti mar-rati baxxi ta' inflazzjoni u tkabbir baxx tal-ambjent, ir-rati tal-banek ċentrali laħqu livelli baxxi ħafna. Dan, flimkien ma' xiri ta' assi mill-banek ċentrali, wassal għal rati baxxi ta' imgħax fuq is-swieq tal-bonds u ta' kreditu. Minkejja rati ta' imgħax baxxi, id-dejn tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarja u domestiċi, meta mqabbla mal-PDG, mhuwiex qed jiżdied f'ħafna mill-Istati Membri, u tendenza 'l isfel hija mistennija li tiġi stabbilita ladarba jiżdied it-tkabbir ekonomiku. Fl-ambjent attwali ta' tkabbir baxx id-domanda għall-kreditu m'għandhiex tagħti spinta għall-ingranaġġ finanzjarju eċċessiv fis-settur finanzjarju. Żviluppi esterni mhumiex mistennija li jwasslu għal pressjoni ta' soprażbilanċ fl-ekonomija tal-UE fit-terminu ta' żmien qasir billi kemm il-PDG tad-dinja u kif ukoll il-kummerċ dinji huma previsti li jikbru sostanzjalment taħt ix-xejriet fit-tul. L-eżitu tar-Referendum tar-Renju Unit dwar is-sħubija tal-pajjiż mal-UE żied l-inċertezza b'mod sostanzjali (kif imkejjel mill-indiċi Baker-Bloom) żied ukoll ir-riskji ta' ċaqliq 'l isfel fil-prospetti ta' tkabbir tal-ekonomija tal-UE u jista' jnaqqas ix-xewqa ta' ħafna atturi li jidħlu f'iktar dejn. Is-settur bankarju li jifforma s-sinsla tas-sistema finanzjarja tal-UE, mhuwiex qed iżid l-ingranaġġ finanzjarju. Il-proporzjonijiet ta' kapital regolatorju tal-banek żdiedu matul l-2015 u baqgħu bejn wieħed u ieħor fl-istess livell matul l-2016 skont *data* preliminari tal-ABE. Dan huwa minnu kemm għall-"Core Equity Tier" (CET) 1 kif ukoll għall-proporzjon kapitali totali. Il-medja ponderata tal-proporzjoni EU CET1 baqgħet 13.5 % f'nofs l-2016, u inqas minn 5 % ta' banek kellhom proporzjon ta' inqas minn 11 %. L-istatistika tal-BĊE tissuġġerixxi li d-daqs tal-karta tal-bilanċ totali tal-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (MFIs) esklużi tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) bil-kemm żdiedu matul l-2015 u l-2016. Bħala paragun, fil-perjodu ta' qabel il-kriżi 2001-2008 it-tkabbir totali tal-assi tal-MFIs kien madwar 10 % fis-sena. Is-self mill-banek ukoll naqas fl-UE. Pereżempju s-self mill-banek lis-settur privat fiż-żona tal-euro kiber inqas mill-PDG nominali għall-2015 u l-2016. Il-miżura tal-BERS tad-distakk tal-PDG ta' kreditu hija negattiva u x'aktarx li laħqet il-livell l-aktar baxx fl-2016. Livelli għolja ta' self improduttiv (NPLs) jaġixxu bħala brejk fuq it-tkabbir tal-kreditu. Dawn ifissru spejjeż għall-banek fil-ġestjoni ta' self, b'hekk inaqqsu l-inċentivi għall-espansjoni tal-provvista tal-kreditu. Huma wkoll indikazzjoni tal-piż tad-dejn fis-setturi korporattivi u domestiċi. Il-korporazzjonijiet jew unitajiet domestiċi b'dejn mitluf jistgħu jaħsbuha darbtejn qabel ma jinvestu, meta jafu li l-banek se jimponu spiża ta' kreditu ogħla biex jikkumpensaw għar-riskju.

Skont ir-riżultati tat-test tal-istress 2016 tal-ABE, is-settur bankarju aggregat huwa reżiljenti għax-xokkijiet b'mod sodisfaċenti. Fix-xenarju avvers, li jgħaqqad riċessjoni severa b'xokkijiet kbar għal firxa wiesa' ta' prezzijiet ta' assi finanzjarji, il-proporzjoni medju ta' CET1 jaq' għal 9.4 %. Dan huwa ogħla mir-riżultat komparabbli ta' 8.5 % tat-test tal-istress 2014 u jfisser li s-settur bankarju tal-UE kompla jibni baffers konsiderevoli li jistgħu jintużaw f'każ ta' żviluppi ekonomiċi avversi. B'żieda ma' dan, it-test tal-istress żvela eterożeneità konsiderevoli ta' tal-iskopertura tal-banek għal xokkijiet avversi fl-istituzzjonijiet. Għalhekk, bidliet ta' riskji f'dan il-qasam jistgħu

jiġu indirizzati b'mod aktar adegwat minn miżuri nazzjonali taħt CRR/CRDIV minn miżuri ġenerali skont l-Artikolu 459 CRR.

3.2. Riskji ta' stabbiltà finanzjarja tal-UE identifikati mill-BERS

Matul is-sena li għaddiet, il-BERS identifika erba' riskji globali għall-ekonomija Ewropea. Dawn ir-riskji huma l-ipprezzar mill-ġdid ta' primjums tar-riskju fis-swieq finanzjarji globali, amplifikati b'likwidità baxxa tas-suq, li jdgħajjef iktar il-karti tal-bilanċ tal-banek u tal-assiguraturi, jiddeterjora s-sostenibbiltà tad-dejn fis-setturi sovrani, korporattivi u domestiċi, kif ukoll xokkijiet u kontaġju mis-settur bankarju parallel. Ir-rilevanza potenzjali ta' dawn ir-riskji għal miżuri taħt l-Artikolu 459 CRR hija vvalutata f'aktar dettall hawn taħt.

(a) Prezzar mill-ġdid ta' primjums tar-riskju

L-ipprezzar mill-ġdid possibbli ta' primjums tar-riskju fis-swieq finanzjarji globali, amplifikat b'likwidità baxxa, qed jiġi meqjus bħala riskju makrofinanzjarju kbir fis-settur finanzjarju Ewropew.

Ir-riskju huwa fost oħrajn motivat minn prezzijiet għoljin f'għadd ta' klassijiet ta' assi meta mqabbla mill-medji storiċi. Prezzijiet tal-assi għolja u li sa ċertu punt huma xprunati minn rati ta' imgħax baxxi, li jixpruna tiftixa għal rendiment fost bosta kategoriji ta' investituri. Għalkemm hemm sinjali ta' teħid ta' riskju għoli f'uħud mis-swieq tal-bonds korporattivi u s-swieq immobiljari, dawn huma eteroġenji fis-segmenti tas-suq u l-Istati Membri. Dan huwa partikolarment validu għal sinjali ta' soprażbilanċ li huma preżenti fi swieq tal-proprjetà immobbli f'uħud mill-Istati Membri, iżda virtwalment assenti f'oħrajn.

Pożizzjoni kapitali ta' istituzzjonijiet finanzjarji suġġetti għal CRDIV/CRR għandhom ikun għoljin biżżejjed biex ikampaw f'każ li dan ir-riskju jsir realtà. Fit-test tal-istress tal-ABE, ir-riskju tas-suq fix-xenarju avvers naqqas il-proporzjon CET1 b'punt perċentwali wieħed biss, minn tnaqqis totali ta' 3.8 punti perċentwali fix-xenarju avvers. Għalhekk, ir-riskju tas-suq ma kienx l-kontributur ewlieni tal-erożjoni tal-kapital identifikat fit-test tal-istress. Ovvjament, ir-riskju tas-suq jista' jsir realtà f'għamla oħra għajr dik assunta fit-test tal-istress. Madankollu, huwa rassikuranti li tul dawn l-aħħar snin is-settur finanzjarju wera reżiljenza suffiċjenti matul episodji ta' aġġustamenti qawwija fil-primjums ta' riskju fis-swieq globali. Avvenimenti bħal dawn kienu l-perjodu qasir u intensiv fit-Teżori tal-Istati Uniti f'Ottubru 2014, il-bejgħ tal-Bund Ġermaniż f'Mejju/Ġunju 2015, l-iskambju u l-aġġustament tal-prezzijiet tal-ishma wara r-referendum tar-Renju Unit f'Ġunju 2016 u żieda f'daqqa tar-rendiment Ġappuniż f'Awwissu 2016. Dawn ħallew effett b'durata qasira fuq prezzijiet tal-assi finanzjarji oħra u ma ħarbtu l-ebda istituzzjoni finanzjarja. Zvilupp notevoli ieħor tas-suq huwa relatat mar-reazzjonijiet qawwija okkażjonali tal-ishma tal-banek tal-UE[3]. Filwaqt li wieħed jista' jiddispjaċih li skoperturi għal riskju tas-suq huma diffiċli biex tissorveljahom, proposti ta' politika f'dan il-qasam jinsabu għaddejjin bir-reviżjoni fundamentali tal-portafoll tan-negozjar mibdi fil-qafas ta' Basel u huma mistennija li jkunu iktar effettivi milli tkun tista' tkun kwalunkwe miżura lejn it-trasparenza skont l-Artikolu 459 CRR.

[3] Minħabba li żviluppi fil-prezzijiet tal-ishma huma marbuta mill-qrib mar-riskju ta' dgħufija ulterjuri tal-karti tal-bilanċ tal-banek u tal-assiguraturi dawn huma vvalutati fit-taqsima li jmiss.

(b) Dgħjufija ulterjuri tal-karti tal-bilanċ tal-banek u tal-assiguraturi

Dgħufija ulterjuri tal-karti tal-bilanċ tal-banek u tal-assiguraturi huwa riskju globali ieħor għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE identifikat mill-BERS. Ix-xejra attwali ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-ishma tal-banek tal-UE matul il-parti l-kbira tal-2016 tirfed ir-relevanza ta' dan ir-riskju peress li tindika telf sostanzjali fil-valur tas-suq tal-banek. Żviluppi fit-tendenza 'l isfel tal-prezzijiet tal-ishma aċċelleraw b'mod partikolari meta s-swieq ipprezzati fl-aħbarijiet dwar riskji ekonomiċi, li tennew il-konnessjoni mill-qrib bejn iż-żewġ entrati fil-lista ta' riskji sistemiċi tal-BERS. Madankollu, ispezzjoni iktar dettaljata tissuġġerizzi li t-tnaqqis aċċentwat fil-prezzijiet tal-ishma tal-banek ma kienx xprunat fil-parti l-kbira minn xettiċiżmu dwar l-insolvenza tal-banek, iżda pjuttost dwar il-profitabbiltà tagħhom. Jekk is-swieq kienu mħassba dwar is-solvenza tal-banek, il-prezzijiet tas-CDS u r-rendiment tal-istrumenti ta' dejn tal-banek kellhom jitilgħu bil-qawwi, iżda dan ma setgħax jiġi osservat ħlief għal xi strumenti finanzjarji speċifiċi għal xi istituti.

Episodji partikolarment notevoli fl-2016 li jinfurmaw dwar il-prospetti ta' profitt tal-banek kienu (i) rilaxxi ta' *data* ekonomika dgħajfa fi Frar 2016 (ii) l-eżitu tar-Referendum tar-Renju Unit f'Ġunju 2016, u (iii) ir-riżultati tat-test tal-istress tal-ABE f'Awwissu 2016. Matul dawn it-tliet episodji, il-parti l-kbira tal-prezzijiet tal-ishma tal-banek kellhom prestazzjoni ħażina fl-iżviluppi ta' prezzijiet tal-ishma ta' entitajiet li mhumiex banek fit-tliet episodji kollha li analisti tas-suq indikaw determinanti ta' profittabilità. Fi Frar 2016, ir-rilaxxi ta' *data* dgħajfa intensifikat l-idea li r-rati ta' imgħax se jibqgħu baxxi għal tul ta' żmien twil, li jrawwem marġni baxxi tal-profitti u dħul baxx mit-trasformazzjoni tal-maturità. L-eżitu tar-referendum tar-Renju Unit iqajjem dubju dwar jekk Londra hijiex se tibqa taqdi r-rwol ta' ċentru finanzjarju tal-UE b'mod effiċjenti. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jista' jinvolvi spejjeż ogħla mill-finanzjament transfruntier tal-operaturi. It-test tal-istress tal-ABE żvela s-sensittività ta' banek f'xenarju ekonomiku avvers.

Għalkemm il-proporzjon ogħla tal-kapital tas-sistema bankarja tal-UE b'mod ġenerali u tal-banek l-iktar vulnerabbli b'mod speċifiku seta' kien fih telf tal-valwazzjoni f'dawn l-episodji, talba lill-banek mill-awtoritajiet pubbliċi biex jilħqu proporzjonijiet ogħla tal-kapital x'aktarx kellhom effetti ta' ħsara. Ir-raġuni li l-profitabbiltà baxxa ta' bosta banek diġà naqqset l-ambitu sabiex il-kapital jiżdied sostanzjalment fuq medda qasira ta' notifika. L-ewwel, il-profitabbiltà baxxa tnaqqas l-ammont disponibbli sabiex iżidu l-kapital mill-profitti mfaddla. It-tieni, jekk il-banek jżidu l-proporzjonijiet tal-kapital bili jaċċelleraw it-tnaqqis li hu għaddej fl-attività jew fit-teħid ta' riskju, il-profitabbiltà x'aktarx tonqos iktar u hemm riskju li jirriżulta f'limiti ta' kreditu fuq l-ekonomija. It-tielet, il-valwazzjonijiet ta' ekwità baxxa jiżvelaw il-kostijiet għolja li jiffaċċaw il-banek fil-ħruġ ta' kapital permezz ta' ħruġ ta' ekwità. Abbażi ta' stħarriġ tal-ABE, il-FMI jqis li l-kost medju ta' ekwità fis-sistema bankarja tal-UE huwa ta' madwar 9 %. Rendimenti fuq l-ekwità ta' madwar medja ta' 6 % skont *data* tal-ABE u madwar 2 % għal banek ta' daqs medju. Billi l-kostijiet tal-ekwità huma iktar mir-rendiment fuq l-ekwità għal ħafna banek, talbiet biex jiżdiedu l-proporzjonijiet kapitali jdgħajjef il-profittabilità aktar Konsistenti ma' dan l-argument teoriku huwa dak li xi analisti tas-suq (minn banek tal-investiment u aġenziji ta' gradazzjoni tal-kreditu) irrapurtaw dwar x'aktarx kien dak li kkawża telf fil-prezz tal-ishma fi Frar 2016. Huma kkunsidraw xnijat li superviżuri imponew restrizzjonijiet possibbli fuq pagamenti tal-imgħax lil azzjonisti f'xi banek sabiex isaħħu l-pożizzjoni kapitali tagħhom, bħala skattatur rilevanti. Għalhekk, il-bażi tal-investituri għall-investimenti ta' ekwità fil-banek kien

sensittiv għal miżuri li jittieħdu minħabba l-politika li jnaqqsu l-profitabbiltà tal-investiment tagħhom. Din l-esperjenza turi li l-istrumenti ta' politika proposti minn l-Artikolu 459 CRR x'aktarx huma ineffettivi f'perjodi ta' tkabbir imrażżan u aspettattivi baxxi dwar il-prospetti ta' profitt tal-banek. Kif intqal hawn fuq, miżuri taħt l-Artikolu 459 CRR huma probabbilment l-iktar effettivi fi żminijiet ta' ottimiżmu eċċessiv fil-profitabbiltà tal-banek u fil-valwazzjonijiet tal-prezz tal-ishma.

Il-profittabbiltà baxxa f'banek tal-UE huwa xprunat minn fatturi ċikliċi, storiċi u strutturali. Tkabbir ekonomiku nominali mrażżan u rata tal-imgħax baxxi tal-bank ċentrali kienu fatturi ċikliċi ewlenin. Tkabbir ekonomiku nominali llimita l-potenzjali tas-setturi finanzjarji li jespandu l-għoti tas-servizz lill-ekonomija. Id-domanda għas-self bankarju naqas bl-istess mod. Rati tal-imgħax baxxi u kurva ċatta ta' rendiment ifissru marġni baxxi għal intermedjarji finanzjarji, l-aktar evidenti f'inqas profitti minn trasformazzjoni ta' maturità. Barra minn hekk, ir-rati tal-imgħax fil-limitu inferjuri ta' żero għandhom impatt fuq il-profitabbiltà tal-banek peress li l-banek ma jistgħux jimponu rati tal-imgħax negattivi għal depożitanti mhux professjonisti billi dawn għandhom l-alternattiva ta' flus kontanti minflok ta' depożiti. Fatturi storiċi huma relatati l-ewwel u qabel kollha għal piż għoli ta' dejn improduttiv (NPL) f'xi partijiet tas-sistema bankarja, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri fejn tkabbir ekonomiku baxx imtawwal wassal għal livelli għolja ta' NPLs. Il-banek għandhom għażla oħra biex jindirizzaw l-NPLs, iżda spiss l-inċentivi biex jagħmlu dan mhumiex biżżejjed. Pereżempju, ir-rilaxx ta' telf minn NPLs jew il-bejgħ tagħhom bi prezz irħas, sakemm dawn ma jkunux diġà pprovduti, inaqqas il-profitti u l-proporzjonijiet kapitali. L-alternattiva li jinżammu fuq il-karta tal-bilanċ (evergreening) jipprovdi serħan temporanju, iżda b'detriment aktar inċert fil-kwalità tal-assi, li jista' jirriżultaw fi spejjeż ogħla fuq swieq ta' finanzjament kif ukoll riluttanza li s-self jiġi estiż fl-ekonomija. Barra minn hekk, NPLs għoljin jimplikaw spejjeż għoljin ta' amministrazzjoni ta' self mitluf.

Jekk trabbi l-għeruq, il-profittabbiltà baxxa fis-settur bankarju tista' twassal għal kwistjonijiet tas-solvenza fuq medda medja ta' żmien. Għalkemm politika makroprudenzjali jista' jkollha rwol fl-indirizzar tal-fatturi ċikliċi li jikkawżaw profitabbiltà baxxa billi jillaxkaw il-limiti eżistenti fuq l-attività tal-banek, l-Artikolu 459 CRR mhuwiex mezz adattat f'dan ir-rigward. Dan jippermetti biss rekwiżit prudenzjali iktar stretti għal perjodu ta' sena u mux illaxkar. L-Artikolu 459 CRR għandu wkoll impatt limitat fuq NPLs. Il-problema tal-legat ta' NPLs għoljin jista' jiġi indirizzat bl-aħjar mod bi proċeduri ta' insolvenza aktar effiċjenti li jippermettu lill-banek isolvu NPLs aktar malajr. Kif propost mill-Kummissjoni, il-Kunsill indirizza NPLs fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi tal-Pajjiż għal sitt Stati Membri f'Lulju 2016. Il-Kummissjoni tikkomunika mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali kif ukoll partijiet ikkonċernati Ewropej biex tiżgura azzjoni adegwata. Jista' jkun li r-rekwiżit prudenzjali skont l-Artikolu 459 CRR ikunu jistgħu jrawwmu bidla strutturali billi l-istituzzjonijiet finanzjarji li jissodisfawhom b'diffikultà jkunu mħeġġa li jċekknu l-karti tal-bilanċ, inaqqsu n-negozju jew anke joħorġu mis-suq. Minħabba n-natura temporanja tal-miżuri skont l-Artikolu CRR 459, jiġifieri attiv għal perjodu ta' sena, madankollu ma humiex idoneji biex tittrawwem bidla strutturali fis-sistema bankarja tal-UE.

(c) Deterjorament tas-sostenibbiltà tad-dejn fis-setturi sovrani, korporattivi u domestiċi

Id-deterjorament tas-sostenibbiltà tad-dejn fis-setturi sovrani, korporattivi u domestiċi, anke jekk japplikaw b'mod pjuttost uniformi u sinifikanti għall-Istati Membri kollha ma jkunx indirizzati b'mod effikaċi permezz ta' miżuri skont l-Artikolu 459 CRR.

L-impatt ta' miżuri li jnaqqsu l-ingranaġġ finanzjarju fis-settur bankarju fuq sostenibbiltà tad-dejn ta' atturi mhux finanzjarji huwa ambigwu. Filwaqt li huwa possibbli li dawn iwasslu għal tnaqqis fl-ingranaġġ finanzjarju fl-ekonomija mhux finanzjarja li ħadna biex tittejjeb li għandha impatt fuq sostenibbiltà tad-dejn imtejjba, jista' jirriżulta wkoll f'aċċess imxekkel għal kreditu li jipprovoka l-pożizzjonijiet ta' dejn attwali biex isiru insostenibbli.

(d) Xokkijiet u kontaġju li jittieħed mis-setturi bankarju paralleli

Fir-rigward tar-riskji maħluqa mis-settur bankarju parallel, l-approċċ meħud taħt ir-reġim ta' skoperturi kbar tas-CRR jidher suffiċjenti f'dan l-istadju u m'hemm l-ebda ħtieġa għal rikors għall-Artikolu 459 CRR. Il-Linji Gwida tal-ABE dwar limiti fuq skoperturi għall-entitajiet bankarji paralleli ġew adottati f'Diċembru 2015 u japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017[4]. Jipprovdu prinċipji ġenerali li l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw magħhom sabiex jiġu indirizzati r-riskji li l-iskoperturi għal entitajiet bankarji paralleli jistgħu joħolqulhom, approċċ ewlieni għall-istabbiliment ta' limiti għal skoperturi għal entitajiet bankarji paralleli u approċċ ta' riżerva f'każ li l-istituzzjonijiet mhumiex f'pożizzjoni li japplikaw l-approċċ ewlieni. Il-ħidma magħmula mill-ABE se tikkontribwixxi għar-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 395(2) CRR dwar l-adegwatezza u l-impatt tal-impożizzjoni ta' tali limiti, li se jqis ukoll l-iżviluppi internazzjonali dwar riskji li jirriżultaw mill-entitajiet bankarji paralleli.

[4] https://www.eba.europa.eu/documents/10180/1310259/EBA-GL-2015-20+GL+on+Limits+to+Exposures+to+Shadow+Banking+Entities.pdf/f7e7ce6b-7075-44b5-9547-5534c8c39a37.